

EBA/GL/2020/03

15/04/2020

Linji gwida li jemendaw ir- Rakkomandazzjonijiet EBA/REC/2015/01

dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 29/06/2020. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2020/03". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Destinatarji

5. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mis-16 ta' April 2020.

4. Emendi

7. Ir-rakkomandazzjonijiet EBA/REC/2015/01 dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità huma emendati kif ġej:

a) It-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Linji gwida dwar Ekwivalenza tar-Reġim ta' Kunfidenzjalità"

b) Ir-ringiela li ġejja hija miżjuda mal-Anness "Tabella tal-awtoritajiet ivvalutata u l-valutazzjoni tal-ekwivalenza mwettqa":

AWTORITÀ VVALUTATA	<u>PRINĊIPJU 1:</u> <u>KUNĊETT TA'</u> <u>INFORMAZZJONI</u> <u>KUNFIDENZJALI</u>	<u>PRINĊIPJU 2:</u> <u>REKWIŻITI TA'</u> <u>SEGRETEZZA</u> <u>PROFESSIONALI</u>	<u>PRINĊIPJU 3:</u> <u>RESTRIZZJONIJIET</u> <u>DWAR L-UŻU TA'</u> <u>INFORMAZZJONI</u> <u>KUNFIDENZJALI</u>	<u>PRINĊIPJU 4:</u> <u>RESTRIZZJONIJIET</u> <u>DWAR ŻVELAR</u> <u>ULTERJURI TA'</u> <u>INFORMAZZJONI</u> <u>KUNFIDENZJALI</u>	<u>INFORMAZZJONI</u> <u>ADDIZZJONALI</u> <u>GĦAL</u> <u>KUNSIDERAZZJONI:</u> <u>KSUR TA'</u> <u>SEGRETEZZA</u> <u>PROFESSIONALI -</u> <u>REKWIŻITI OĦRAJN</u> <u>RELATATI MAL-</u> <u>IŻVELAR TA'</u> <u>INFORMAZZJONI</u> <u>KUNFIDENZJALI</u>	<u>VALUTAZZJON</u> <u>I GLOBALI</u>
L-Istati Uniti tal-Amerka 1) New York State Department of Financial Services	The New York Banking Law (Il-Liġi Bankarja ta' New York), paragrafu 36.10	New York Public Officers Law (Il-Liġi tal-Uffiċjali Pubbliċi ta' New York), paragrafi 74.3(c) u 74.4	New York Banking Law (Il-Liġi Bankarja ta' New York), paragrafi 24, 36, 39, 44, 367, 606, 618 u 641	New York Banking Law (Il-Liġi Bankarja ta' New York), paragrafu 36.10	New York Public Officers Law (Il-Liġi tal-Uffiċjali Pubbliċi ta' New York), paragrafu 74.4	Ekwivalenti



<p>https://www.dfs.ny.gov</p>				<p>New York State Department of Financial Services, Executive Order (Id- Dipartiment tas- Servizzi Finanzjarji tal-Istat ta' New York, Digriet Eżekuttiv)</p>		
--	--	--	--	---	--	--